sem&u

Diċembru 2015
Ħarġa nru 1

*Is-Seminarju u Int*
Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù,
Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex | Tel. 2155 6479
Email: info@sacredheartseminary.org.mt | www.sacredheartseminary.org.mt



## Mill-Pinna tal-Editur

Għeżież ħbieb tagħna,

Il-paċi tal-Mulej Ġesù tkun magħkom dejjem.

Bl-għajnuna ta' Alla aħna, hawn is-Seminarju, qed noqorbu biex niċċelebraw il-150 anniversarju mill-bidu ta' din l-istituzzjoni tant importanti għad-Djoċesi tagħna. Għandna maħsubin diversi attivitajiet għal din l-okkażjoni. Fosthom iddeċidejna li nibdew noħorġu din il-pubblikazzjoni ġdida *Sem&U* (Is-Seminarju u Int), pubblikazzjoni li se tieħu post l-*Action*. Nixtiequ li kull familja tibda tirċievi dan il-fuljett sabiex b'hekk is-Seminarju jibda jidħol f'kull dar tad-Djoċesi. Se noħorġuha tliet darbiet fis-sena: qrib il-Milied, qrib l-Għid u fi tmiem is-sena akkademika.

Beħsiebna nwasslulkom riflessjonijiet vokazzjonali u xi esperjenzi li s-seminaristi jkunu għamlu. Nixtiequ li dawn ikunu ta' għajnuna għat-tfal u għaż-żgħażagħ fil-mistoqsijiet ta' ħajjithom. Lill-qarrejja b'mod ġenerali se nżommuhom aġġornati dwar il-ħajja tas-Seminarju billi ta' kull darba nippreżentaw djarju ta' dak li jkun ġara hawnhekk fostna. Se nieħdu ħsieb ukoll ninfurmawkom b'mumenti importanti tal-komunità. Jiena nawgura li dan il-fuljett ġdid iqarribna lejkom biex intom iżżommuna aktar f'moħħkom u f'qalbkom, speċjalment bit-talb tagħkom.

Jalla l-miġja ta' Ġesù fostna tkun xhieda qawwija tal-ħniena ta' Alla għalina lkoll. Il-Milied it-tajjeb u s-Sena ġdida mimlija barka mis-Sema.

**Fr Tony Sciberras MSSP**
*Rettur tas-Seminarju*

Il-Bord Editorjali, is-Superjuri tas-Seminarju u s-Seminaristi jawguraw
*il-Milied u s-Sena t-Tajba*
lill-Qarrejja kollha, lill-Ħbieb u lill-Benefatturi tas-Seminarju.

# Mill-Għatba 'l Ġewwa...

Is-sena ta' formazzjoni bdiet it-Tlieta 22 ta' Settembru bl-irtir tal-bidu tas-sena. L-Erbgħa 30 ta' Settembru **ngħata bidu għas-sena akkademika** permezz tal-Quddiesa tal-Ispirtu s-Santu, immexxija minn Mons. Isqof Mario Grech.

Darba fix-xahar il-komunità żaret xi parroċċi (l-Għarb, ix-Xagħra u San Ġorġ) fejn sar **talb għal aktar vokazzjonijiet**.

**Fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Missjunarja** ġew organizzati diversi attivitajiet fosthom: Quddiesa għand is-Sorijiet Klarissi mmexxija minn Mons. Isqof George Bugeja OFM u laqgħa mal-istudenti tal-iskola tas-Seminarju Minuri.



F'Ottubru sar ***weekend* ta' formazzjoni umana** f'Malta li tmexxa minn Fr Dunstan Xuereb, saċerdot żagħżugħ u psikologu. Is-suġġetti kienu l-*istress management*, it-*time management*, is-*self care* u l-*peer pressure*.



Nhar l-14 ta' Novembru l-*Aħwa Ħbieb tas-Seminarju* flimkien ma' diversi voluntiera oħra organizzaw **l-Ikla ta' San Martin** bl-iskop ta' ġbir ta' fondi għas-Seminarju.

F'Novembru l-komunità tas-Seminarju organizzat **ġimgħa vokazzjonali** fil-Parroċċa ta' Għajnsielem. F'dawn il-ġranet is-seminaristi żaru d-djar tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ, mexxew laqgħat fiċ-Ċentru Parrokkjali u l-MUSEUM u anki żaru l-Iskola Primarja u l-MCAST.

Is-seminaristi marru ***night hike*** bejn l-20 u l-21 ta' Novembru. Huma mxew mis-Seminarju lejn il-kappella ta' San Dimitri, Wied l-Għasri u għal Marsalforn.

Is-Sibt 28 ta' Novembru ngħata bidu għas-sena liturġika l-ġdida permezz tat-**Tħabbira tal-Avvent** mir-Rettur u bil-preżentazzjoni tal-ikona tas-sena mis-Seminarista Daniel Mercieca.

Michael Grima mill-Parroċċa ta' San Lawrenz u Carl Scerri mill-Parroċċa tal-Katidral ingħataw **il-ministeru tal-Akkolitat** minn idejn l-Isqof Mario Grech fil-Bażilika ta' San Ġorġ il-Ħadd 29 ta' Novembru.



Nhar **il-Kunċizzjoni** l-komunità ċċelebrat din il-festa permezz ta' diversi funzjonijiet liturġiċi fil-kappella tas-Seminarju u bl-ikla lil-lekċerers li saret is-Sibt 12 ta' Diċembru.

**Qabel il-waqfa tal-Milied** ġew organizzati diversi attivitajiet. Fost dawn: l-attività għall-abbatini u għall-gruppi tal-vokazzjonijiet, il-Quddiesa fl-għar, il-bibita mal-lekċerers u fl-aħħar, il-Ġimgħa 18 ta' Diċembru, l-attività flimkien mal-familjari tas-seminaristi. Is-seminaristi jirritornaw fis-Seminarju nhar it-Tlieta 5 ta' Jannar 2016.



**Il-Komunità tagħti merħba...**

...lil Sr Pierantonia Muscat FCJ mill-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur. Hi ngħaqdet ma' Sr Giuseppina u qed isservi fil-komunità tas-Seminarju.

...lis-seminaristi l-ġodda: Matthew Bajada (mill-Parroċċa tal-Viżitazzjoni, l-Għarb) u Gabriel Vella (mill-Parroċċa ta' San Ġużepp u l-Kunċizzjoni, il-Qala).

# Fejn int sejjer?

Seminarista **Carl Scerri**

Il-mistoqsija "Fejn int sejjer?" hi mistoqsija li ġeneralment aħna nassoċċjawha mal-ivvjaġġar. Hija mistoqsija li aħna dlonk nagħmlu lil xi ħadd li ser isiefer jew li se jibda xi vjaġġ twil. Anki jien, fis-sajf li għadda, iddeċidejt li nagħmel vjaġġ importanti u għalhekk il-mistoqsija tan-nies kienet spontanja: "Fejn int sejjer?". Għal din il-mistoqsija dlonk kont inwieġeb: "Sejjer il-*camino de Santiago*".

X'inhu dan il-*camino de Santiago*? Huwa pellegrinaġġ fi Spanja, antik mijiet ta' snin. Ġeneralment il-pellegrin jitlaq minn qrib il-fruntiera bejn Spanja u Franza u jimxi triq ta' 'l fuq minn 700km li twasslu sal-belt ta' Santiago. Din hi l-belt li fiha t-tradizzjoni żżomm li hemm midfun San Ġakbu l-Appostlu.

Nhar is-7 ta' Lulju jiena tajt bidu għal din il-mixja li ħaditli 25 jum biex inlestiha. Kif niddeskrivi din l-esperjenza? Għalija kienet okkażjoni li laqqgħetni ma' ħafna nies minn kull kontinent, ta' kull età u ta' kull professjoni. Kienet mixja li għaddietni minn ħafna postijiet u rħula sbieħ. Imma l-isbaħ ħaġa li jagħtik il-*Camino* hi li jlaqqgħek miegħek innifsek! Din il-mixja fi Spanja toffrilek okkażjoni biex tiltaqa' ma' dak li hemm fil-fond tal-qalb tiegħek: il-problemi, l-emozzjonijiet, ix-xewqat, il-ħolm tiegħek. Fuq kollox il-*Camino* kien għalija bħal lezzjoni kontinwa fuq ħajti. Ħafna nies jistaqsuni kif irnexxieli nasal u t-tweġiba hi pjuttost sempliċi: "Irid ikollok *equipment* tajjeb". F'dan id-dawl naħseb li anki f'ħajjitna għandna bżonn ta' *equipment* tajjeb. X'jiġifieri? Fil-mixja għandek bżonn ta':

- **Basket** ħafif, għax jekk ikun tqil itellfek. Anki fil-ħajja, għaliex ħafna kumplikazzjonijiet? Fil-mixja għamilt xahar nieqes mill-aktar kumditajiet essenzjali u dan għenni nistaqsi: "X'inhu l-aktar importanti f'ħajti?"
- **Kaxxa tal-mediċina**, għax fil-mixja ħa tweġġa' żgur. Ma hemmx mixja perfetta! U liema ħajja tal-bniedem hi perfetta? Anki fil-ħajja nweġġgħu u għandna bżonn min ifejjaqna.
- **Mappa u bastun**. Waħda biex tiggwidak u l-oħra biex jgħinek ma taqax. Fil-ħajja anki aħna għandna bżonn ta' persuni li jiggwidawna u li meta naqgħu, jgħinuna nerġgħu nqumu. Fost dawn insemmi l-ġenituri, il-ħbieb u fuq kollox Alla.

Għaliex tagħżel li timxi mixja ta' 700km? X'aktarx il-mijiet ta' pellegrini li kien hemm mat-triq kellhom raġunijiet varji, imma fil-verità kważi kollha kellhom xewqa komuni: li jagħrfu fejn huma sejrin fil-ħajja tagħhom. Għalkemm kollha kemm aħna konna mexjin lejn l-istess destinazzjoni, Santiago, kulħadd kellu risposta differenti għall-mistoqsija: Fejn int sejjer? Dan għax l-ebda vjaġġ mhu l-istess u bl-istess mod, l-ebda ħajja mhi bħall-oħra. Il-vjaġġ tiegħi hu differenti minn tiegħek! Għalhekk nistiednek biex anki int tieqaf u tistaqsi: "Fejn jien sejjer f'ħajti?". M'hemmx għalfejn timxi 700km. Biżżejjed tieqaf ftit u tistaqsi!



# X’qed tagħmel hawn?

Kull persuna li tgħix fid-dinja mhix fid-dinja b’kumbinazzjoni.
Kien propju Alla li ħalaq lil kull persuna li hawn fid-dinja:
kien propju Alla li ħalqek!
Għaldaqstant, dak li jista’ jagħti sens lil ħajtek
huwa biss Alla li ħaseb fik sa mill-bidu.
It-tweġiba għall-mistoqsija:
**“X’qed tagħmel hawn?”**,
jista’ jagħtihielek biss Alla, permezz tal-Iskrittura Mqaddsa.
L-iskop li għalih ġejt maħluq huwa biex tkun ferħan!
Dan jista’ jseħħ biss jekk int tgħix l-imħabba.
Din l-imħabba kull persuna tgħixha
billi tfittex tħaddan il-vokazzjoni tagħha.
Huma ħafna dawk li ġarrbu l-ferħ veru
għax għarfu jgħixu l-imħabba skont il-vokazzjoni tagħhom.
Fost dawn hemm Charles de Foucauld.



**“Alla tiegħi, jekk inti teżisti, ħallini nsir nafek!”**

***Charles de Foucauld***

Charles de Foucauld twieled fi Strasburgu, Franza fil-15 Settembru 1858. Tilef lil ommu u lil missieru meta kellu biss sitt snin, u allura hu flimkien ma’ oħtu Marie ġew imrobbija min-nannu tagħhom. Charles laħaq suldat bħal nannuh.

Fi żmien l-adolexxenza tilef il-fidi, u beda jgħix ħajja ta’ xalar bla rażan. Minkejja dan huwa kien bniedem kuraġġjuż. Fil-fatt, meta kellu ħamsa u għoxrin sena, wettaq esplorazzjoni riskjuża fil-Marokk. F’din l-esperjenza laqtu ħafna l-mod kif il-Musulmani kienu jesprimu l-fidi tagħhom. Dan wasslu biex jerġa’ jdur lejn Alla u jitolbu: “Alla tiegħi, jekk inti teżisti, ħallini nsir nafek”.

Meta rritorna Franza, hu kompla jfittex li jsir jaf ’l Alla. Għenu ħafna f’din il-mixja Fr Huvelin. F’Ottubru 1886, meta kellu 28 sena, Charles skopra lil Alla mill-ġdid.

Waqt pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa għaraf il-vokazzjoni tiegħu: li jsegwi lil Ġesù fil-ħajja tiegħu f’Nazareth. Għex għal seba’ snin bħala Trappist, l-ewwel fi Franza u mbagħad f’Akbès, fis-Sirja. Aktar tard huwa beda jgħix ħajja ta’ talb u adorazzjoni, waħdu, qrib kunvent f’Nazareth.

Ġie ordnat saċerdot ta’ 43 sena u wara telaq lejn id-deżert tas-*Sahara*. Ried li jgħix fost dawk li kienu “l-iktar imbiegħda u l-aktar abbandunati”. Hu rrispetta dejjem il-kultura u l-fidi ta’ dawk li kien jgħix fosthom. Fil-fatt hu ħass li għandu “jxandar l-Evanġelju bil-ħajja tiegħu”, kif fil-fatt għamel.

Fil-lejl tal-1 ta’ Diċembru 1916, Charles ġie maqtul minn grupp ta’ briganti quddiem id-dar tiegħu. Il-Papa Benedittu XVI ibbeatifika lil Charles de Foucauld nhar it-13 ta’ Novembru 2005.

Navżawkom li se jsiru jiem ta’ talb għall-vokazzjonijiet: 14 ta’ Jannar 2016 (fl-4.30pm il-Munxar); 11 ta’ Frar 2016 (fis-6.30pm il-Qala); 10 ta’ Marzu 2016 (fil-5.00pm ix-Xewkija). F’dawn il-ġranet Ġesù Sagramentat ikun espost fil-kappella tas-Seminarju bejn is-6.30am u l-4.00pm.

Nixtiequ nirringrazzjaw lilkom, il-benefatturi tagħna kollha, kemm dawk li tawna xi borża ta’ studju u kemm dawk li tawna xi donazzjoni ċkejkna. Il-Mulej ipattilkom bil-mija fil-wieħed.